**8 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

***Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.***

Antonio Pisani

*versus*

Carmelo Debattista

**Appalt — Ħlas tal-Prezz.**

*L-appaltatur hu obligat u hu dejjem responsabbli li jagħti lill-appaltant opera soddisfaċenti, u ma jistgħax jallega li x-xogħol sar mhux sewwa għax hu għamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obligat jirreżisti għal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.*

*Jekk ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu eżegwit skond is-sengħa, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-ħlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xogħol; għax meta x-xogħol li għalieh ġie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistgħax jitlob il-ħlas, la kollu u lanqas parti minnu.*

*U ladarba parti mix-xogħol hi eżegwita ħażin, l-appaltatur lanqas jista' jippretendi l-ħlas ta' dik il-parti tax-xogħol li tkun ġiet eżegwita sewwa.*

**Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £73, prezz ta' xogħol ta' tibjid, tikħil u żebgħa, u spejjeż relattivi, li l-instant għamel fil-proprjetà tal-konvenut f'Żebbuġ Road, Ħal-Qormi — xogħol li sar wara offerta li ġiet aċċettata mill-konvenut. Bl-imgħax legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar 1957. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali;**

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

**Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda li l-attur fadallu jagħmel ix-xogħol hemm imsemmi, jiġifieri......;**

**Illi l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, ma jidhrilhiex li għandha tmur kontra r-raġunamenti tal-perit u tadotta l-konklużjonijiet minnu raġġjunti;**

**Illi ma tiswiex il-pretensjoni tal-attur, li ċjoè l-konvenut ivverifika u approva x-xogħol; għaliex din il-prova, li kellha ssir mill-attur, ma saretx b'mod soddisfaċenti;**

Illi lanqas tiswa l-obbjezzjoni sottomessa mill-attur fid-dibattitu orali, jiġifieri li l-konvenut ma eċċepiex li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa, u li għalhekk il-perit ħareġ mill-limiti tal-inkariku tiegħu. Huwa veru li fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 5 il-konvenut oppona ruħu għall-istanza tal-attur għaliex dan ma lestiex ix-xogħol li kellu jagħmel; però, huwa veru wkoll li huwa rriżerva li jagħti eċċezzjonijiet oħra, u dan impliċitament huwa għamel fl-ewwel seduta quddiem il-perit, miżmuma fit-12 ta' Ġunju 1957, meta ppreżenta l-lista tax-xogħol li kien jonqos (fol. 25), fejn hemm komprizi l-partiti ndikati fin-numri (iii), (v), (vi) u (vii), tal-konklużjonijiet peritali — xogħolijiet dawn li jridu jsiru mill-attur, billi hu ma għamilhomx skond ma titlob is-sengħa;

Illi, mbgħad, għar-rigward tat-tikħil tal-ġebel wara l-katusi fit-terrazzin, anki li kien veru illi, kif xehed Michele Pisani, bin l-attur, huwa kien avża lill-konvenut illi, jekk iwaħħalhom, wara ma jkunx jista' jista' jkaħħal il-ħajt, u li l-konvenut qallu li ma jimpurtax (fol. 16) — ċirkustanza din miċħuda mill-konvenut (fol. 21) — l-attur mhux legalment ġustifikat; għaliex l-appaltatur huwa dejjem responsabbli li jippresta opra soddisfaċenti, u obligat jirreżisti għal kwalunkwe ntromissjoni tal-kommittent (Kollez. XXV-I-727; XXIX-II-1129);

Illi, stabbilit mill-provi li x-xogħol għadu mhux lest u mhux kollu eżegwit skond is-sengħa, l-attur mhux intitolat jippretendi li jitħallas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xogħol. Difatti, jinnota Vitalevi, "quando

l'appalto fu dato a prezzo fatto, ed in modo aversionale, allora prevale il principio per cui nell'intenzione sovranamente presunta delle parti, quello che si è voluto è l'opera completa e finita in ogni sua parte — 'opus absolutum et perfectum'; e pertanto, finchè l'opera non è tutta finita, non si potrebbe chiedere a rigore nè l'intera mercede nè una parte di essa, giusta quanto sanciscono le leggi 36 e 30 §3, D. Locati Conducti";

Rigward, mbgħad, għal dawk ix-xogħolijiet li ma sarux skond is-sengħa, l-istess awtur josserva illi "in ogni caso il prezzo è dovuto solo per i lavori eseguiti bene; quindi l'artefice od imprenditore non potrebbe avere il pagamento del corrispettivo quando i lavori sono male eseguiti; e se questi in parte fossero regolari e in parte difettosi, non potrebbe chiedere senz'altro il pagamento della parte delle opere regolarmente eseguite" (Digesto Italiano, Appalto di Opere e Lavori, §§288 u 290);

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.